# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar it-Tnejn 4 ta' Frar 2019

**Rikors Numru : 506/2018 JPG**

**Kawza Numru : 19**

**MD**

**Vs**

**CD**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' MD, datat 13 ta' Novembru 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewgu f'Malta fl-Oratorju Domenico Saviou f'Birkirkara nhar it-tmienja (8) ta' Settembru tas-sena elf disa mija u sitta u disghin (1996) u dan min kif jidher mic-certifikat taz-zwieg anness u markat "**Dok A**", liema zwieg taghhom gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta;*

*Illi minn dan iz-zwieg tal-kopja twieldu zewgt ibniet: S li twieldet fis-7 ta' Frar tas-sena 1998 u li allura illum ghandha ghoxrin (20) sena u MA li twieldet nhar it-13 t'Awissu tas-sena 2001 u li allura llum ghandha 17-il sena;*

*Illi l-partijiet isseparaw b'kuntratt redatt minn Nutar Dottor Sylvana Borg Caruana nhar il-21 ta' Jannar tas-sena 2015 u dan minn kif jidher mill-kuntratt hawn anness u markat "**Dok B**";*

*Illi m'hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante*

*illi illhom fattwalment separati minn xulxin sa mit-13 t'Ottubru tas-sena 2014 u allura ilhom aktar minn erba (4) snin fattwalment u konstantament separati minn xulxin, liema separazzjoni legali ta' bejniethom sehhet nhar il-21 ta' Jannar tas-sena 2015 meta gie iffirmat kuntratt ta' separazzjoni legali hawn anness;*

*Illi fl-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni (pagna 10 klawsola numerata 15) l-partijiet reciprokament irrinunzjaw mid-dritt li jippercepixxu manteniment fir-rigward ta' xulxin;*

*Illi f'dak li jirrigwarda l-manteniment lejn l-ulied, skont il-kuntratt ta' separazzjoni hawn anness, il-partijiet qablu illi r-ragel ghandu jobbliga ruhu li jivversa s-somma ta' tlett mitt Euro (€300) fix-xahar u cioe' mija u hamsin ewro ghal kull wild lil martu; u li f'dan ir-rigward ir-rikorrenta tiddikjara li tali manteniment dejjem tah;*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw l-kundizzjonijiet kollha mehteiga ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Illi l-attrici tixtieq tibqa zzomm kunjomha D sabiex jibqa jkun bhal dak ta' uliedha.*

*Ghaldaqstant, ir-rikorrenta titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-parijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimat gie mgharraf mill-Qorti bid-drittijiet legali tieghu, inkluz li jkun assistit minn

difensur legali, u li l-intimat insista illi m'ghandux bzonn assistenza legali;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**MD** xehdet illi l-partijiet izzewgu fit-8 ta' Settembru 1996 u kienu ottjenew separazzjoni legali fit-21 ta' Jannar 2015 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehdet illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt itfal. Qalet ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**CD** xehed u kkonferma u kkorobora ix-xhieda tar-rikorrenti.

**Ikkonsidrat:**

L-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdu:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***

***[...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw***

> ***għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***
>
> ***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***
>
> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***
>
> ***[...]***

**Ikkonsidrat;**

Wara z-zwieg taghhom tat-8 ta' Settembru, 1996 (Vide certifikat taz-zwieg a fol 27), jirrizulta illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 21 ta' Jannar 2015 fl-atti tan-Nutar Dottor Sylvana Borg Caruana, debitament awtorizzat mill-Qorti (Vide Dokument B a fol 5), u ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin.

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet u li l-hlas ta' manteniment ghall-ulied sar puntwalment.

Il-Qorti rat illi jirrizulta inoltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-ligi sabiex zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi**

**registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqu' bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef  Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**